**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 09 ta' Novembru, 2020**

**Rikors Revoka Nru: 852/2020 AF**

Wara l-mandat ta' sekwestru bin-numru: 1212/2020 LM

**Fonicom Limited (C-43620)**

**vs**

**B & G Group Limited (C-50883)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' B & G Group Limited li, ghar-ragunijiet moghtija, din il-Qorti ntalbet:

1. Tirrevoka *contrario imperio* il-mandat ta' sekwestru odjern akkordat nhar l-10 ta' Settembru 2020 abbazi li l-ammont mitlub huwa *prima facie* eccessiv u mhux gustifikat ai termini ta' Artikolu 836(1)(d) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Alternattivament tvarja *contrario imperio* il-mandat ta' sekwestru odjern akkordat nhar l-10 ta' Settembru 2020 u dan billi tnaqqas l-ammont mizmum in kawtela u dan a bazi tal-fatt illi l-ammont mitlub in kawtela mhux gustifikabbli ai termini ta' Artikolu 836(1)(d) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Tiddikjara illi dan il-mandat inhareg mis-socjetà sekwestranti Fonicom Limited kontra s-socjetà esponenti ghal ragunijiet suesposti meta l-istess mandat ma kienx gustifikat jew gustifikabbli bi hsara ta' l-artikolu 836(1)(f) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement ukoll tirrevoka *contrario imperio* l-istess mandat.

4. Tiddikjara illi dan il-mandat kontra s-socjetà esponetnti inhareg biex jivvessa lill-istess esponenti.

5. Tordna lis-socjetà sekwestranti Fonicom Limited sabiex thallas l-penali ta' mhux inqas minn elf mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu (€1,1164.69) u mhux izjed minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin Ewro u tnax-il centezmu (€6,988.12) peress illi t-talba ghall-hrug tal-mandat saret b'malizzja u hija frivola u vessatorja ai termini ta' Artikolu 836(8)(d) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Tikkundanna lis-socjetà sekwestranti Fonicom Limited sabiex thallas id-danni sofferti mill-esponenti ai termini ta' Artikolu 836(8) tal-Kodici ta' Orgnaizzazzjoni u Procedura Civili, Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta; u fl-eventwalità li ma tilqax it-talba ghat-thassir ta' dan il-mandat.

7. Tordna lis-socjetà sekwestranti Fonicom Limited sabiex taghti garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali /jew ta' danni u imghax ai termini ta' Artikolu 838A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

U dan salv kull provvediment iehor illi din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li hu xieraq u opportun.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ta' Fonicom Limited li, ghar-ragunijiet imfissra, irriteniet illi t-talbiet ghandhom jigu michuda.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat il-mandat 1212/2020 LM.

Semghet lid-difensuri.

Rat li r-rikors thalla sabiex jigi degretat in camera.

Ikkunsidrat illi s-socjetà Fonicom talbet u ottjeniet il-hrug ta' mandat ta' sekwestru fil-konfront ta' B & G Group Limited sabiex tikkawtela pretensjoni li ghandha ghall-hlas ta' invoices mahruga ghal servizzi ta' *web hosting* u *support services*, kif ukoll danni li ssostni li gew kawzati lilha bit-terminazzjoni tal-ftehim ezistenti bejn il-partijiet.

Is-socjetà B & G Group Limited issostni li mhijiex dovuta taghmel il-hlasijiet mitluba galadarba is-servizz li taghhom qed jintalab il-hlas, infatti ma nghatax ghaliex il-ftehim gie xolt.

Jigi enfasizzat f'dan l-istadju tal-proceduri pendenti bejn il-partijiet illi kull ezami li taghmel il-Qorti jibqa' limitat ghal dak li

jirrizulta mad-daqqa t'ghajn, b'dana illi l-iskrutinju profond tal-vertenza jibqa' rizervat ghall-Qorti fid-deliberazzjonijiet taghha tal-kawza fil-mertu.

Il-Qorti tqis ukoll illi ghalkemm kull mandat iwegga' jew almenu johloq inkonvenjent serju lil min jircevih, u ghalhekk huwa mghallem li l-arma tal-mandat m'ghandhiex tigi abbuzata, l-Qorti ma tistax leggerment tiskarta l-jedd ta' kreditur li jikkawtela il-kreditu tieghu b'kull mezz li tipprovdi l-ligi.

Is-socjetà B & G Group Limited issejjes it-talba taghha fuq l-Art. 836(1)(d) u/jew 1(f) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li testwalment jipprovdu ghal tali thassir:

> *"(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv; jew*
>
> *…*
>
> *(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli."*

Jirrizulta mad-daqqa t'ghajn li l-partijiet waslu ghal ftehim bejniethom permezz ta' skambju tal-emails. Ma jirrizultax lill-Qorti f'dan l-istadju li qatt gie ffirmat kuntratt. Is-socjetà B & G Group issejjes it-talba taghha odjerna fuq zewg binarji. Hija tikkontendi li qatt ma kien gie miftiehem li l-kuntratt kien ghall-perjodu ta' tlett snin. Issostni wkoll illi, anki jekk kien, galadarba li ma kienx gie miftiehem kif seta' jinhall il-kuntratt hija setghet taghmel dan unilateralment, kif fil-fatt ghamlet.

Dwar id-durata tal-kuntratt, din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni li l-perjodu ta' tlett snin kien biss suggeriment. Jidher li l-hlasijiet ghas-servizzi kienu bbazati fuq perjodu ta' tlett snin, u dan il-fatt kien imnizzel fil-proposta tal-kundizzjonijiet. Galadarba l-prezz tas-servizz hekk ibbazat gie accettat u bdew isiru l-hlasijiet relattivi, il-Qorti tqis li, *prima facie*, jidher li l-perjodu ta' tlett snin gie b'hekk accettat.

Perfezzjonat il-kuntratt bejn il-partijiet, din il-Qorti tqis imbaghad illi t-terminazzjoni unilaterali da parti ta' B & G Group ma kienitx skond il-ligi li permezz tal-Art. 1068 tal-Kap. 16 jipprovdi testwalment illi:

> *"Il-kondizzjoni riżoluttiva tingħadd dejjem bħala li ġiet magħmula fil-kuntratti bilaterali, fil-każ li waħda mill-partijiet tonqos għall-obbligazzjoni tagħha:*
>
> *Iżda, f'dak il-każ, il-kuntratt ma jinħallx ipso jure, u l-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tagħti żmien xieraq lill-konvenut, bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra tal-liġi dwar il-kuntratt tal-bejgħ."*

Il-Qorti tirreferi f'dan il-kuntest ghas-sentenzi tal-Qorti tal-Appell Cole vs Grixti (23 ta' Novembru 1962) u Barbara vs Direttur tax-Xogholijiet Pubblici (4 ta' Novembru 1987).

Minkejja l-ilmenti taghha dwar il-kwalità tas-servizz li kienet qeghda tircievi, B & G Group Limited ma setghetx fic-cirkostanzi tagixxi unilateralment.

Ghal dak li jolqot is-sorte li qieghed jigi kawtelat bil-mandat *de quo*, din il-Qorti ma tqisx li mad-daqqa t'ghajn, dan jidher eccessiv. Jidher li l-ammont reklamat huwa dak li kellha jedd tippercepixxi Fonicom Limited kieku ma giex terminat unilateralment il-ftehim.

B & G Group Limited qed jitolbu lil din il-Qorti l-imposizzjoni ta' penali fuq is-socjetà sekwestranti, kif ukoll kundanna ghall-hlas ta' danni li jallegaw li qeghdin isofru. Hija titlob ukoll l-imposizzjoni ta' garanzija a tenur tal-Art. 838A. Il-Qorti ma tirriskontrax f'dan l-istadju dawk ic-cirkostanzi li trid il-ligi biex timponi xi penali jew garanzija fuq is-socjetà sekwestranti.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talbiet ta' B & G Group Limited.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali fil-kawza fil-mertu.

IMHALLEF